## 28 ta' Mejju, 1956

### Imħallfin:

**Is-S.T.O. Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D., *President;***
**Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.**
**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Vincenzina Cassar et. *versus* Annetto Xuereb Montebello et.

### Spoll — Azzjoni Possessorja — Azzjoni Petitorja — Appell — Ġudikat — Indiviżibbilità — Rinunzja — Liberazzjoni "ab observantia" — Art. 572 (1) u (2) tal-Kodiċi Ċivili — Art. 794 u 236 (ii) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.

*Jekk kawża ta' spoll privileġġjat tiġi ntentata minn diversi atturi, u l-Qorti tal-Ewwel Istanza tilqa' t-talba u tordna r-reintegrazzjoni tal-ispoll, u dik is-sentenza mbgħad tiġi revokata mill-Qorti tal-Appell, li tiċħad it-talba, u l-appell ma jkunx sar kontra dawk l-atturi kollha, dak fost l-atturi li fil-konfront tiegħu ma sarx l-appell għandu favur tiegħu l-ġudikat naxxenti mis-sentenza tal-Qorti tal-Ewwel Istanza.*

*Jekk, in segwitu għal dik is-sentenza, dawk li kienu konvenuti f'dik il-kawża jintentaw ġudizzju petitorju kontra dawk il-persuni li kienu atturi fil-kawża ta' qabel biex jiġi eliminat xi dritt riżultanti favur dawn l-aħħar imsemmija mis-sentenza ta' qabel, mingħajr ma jkunu però irreintegraw l-ispoll skond ma kien ġie ordnat bis-sentenza preċedenti tal-Ewwel Istanza, dak il-ġudizzju petitorju huwa improċedibbli, għar-raġuni illi s-sentenza l-oħra, li, għalkemm revokata fl-appell, baqgħet tissussisti di fronti għall-attur li fil-konfront tiegħu ma kienx sar l-appell, ma kienetx ġiet eżegwita. U l-ineffikaċja tad-domanda proposta fil-petitorju qabel l-eżekuzzjoni tas-sentenza possessorja ma tistax tiġi sanata, lanqas bl-akkwijexxenza jew bil-kunsens, espress jew taċitu, tal-kontroparti, billi dak id-divjet hu ta' ordni publiku u magħmul mill-liġi espressament b'mod assolut, u kwindi l-ġudikant ma jistgħax ma jagħtix każ tiegħu mingħajr ma jivvijola l-awtorità tal-liġi. B'mod li lanqas ma jista' jimxi l-quddiem dan il-ġudizzju petitorju, fl-assenza ta' eżekuzzjoni tas-sentenza possessorja, jekk dak*

*il-konvenut fil-ġudizzju petitorju li għandu favur tiegħu l-ġudikat nażxenti mis-sentenza possessorja jirrinunzja għall-effetti ta' dik is-sentenza. Jekk dik ir-rinunzja hija kondizzjonata, ma tiswiex, għax mhix inkondizzjonata; imma anki jekk mhix kondizzjonata, l-istess mhix vinkolanti, għar-raġuni fuq imsemmija tal-ineffikaċja tad-domanda proposta fil-petitorju qabel l-eżekuzzjoni tas-sentenza possessorja.*

*Barra minn dan, fin-nuqqas ta' reintegrazzjoni tal-ispoll, l-atturi fil-ġudizzju petitorju, li għandhom favur tagħhom is-sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-ġudizzju l-ieħor possessorju, lanqas ma jistgħu jipproponu l-ġudizzju petitorju kontra l-konvenuti l-oħra li kontra tagħhom kien sar l-appell; għaliex hawn si tratta ta' ħaġa indiviżibbli; u ma jistax jingħad illi l-ġudikat tal-Qorti tal-Appell fil-kawża l-oħra jolqot anki lil dak l-attur li fil-konfront tiegħu ma sarx l-appell; għax il-liġi tikkontempla l-estensjoni tal-effetti tas-sentenza tal-appell, f'kawżi fuq ħaġa indiviżibbli, għal dawk biss li tkun favur tagħhom.*

*Għaldaqstant, il-konvenuti fil-ġudizzju petitorju għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju.*

Il-Qorti; — Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prima Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li bih l-atturi, wara li ppremettew illi, kif jirriżulta fil-kawża fl-ismijiet "Annetto Xuereb Montebello u oħrajn vs. Paolina Magri u oħrajn", deċiża mill-Qorti ta' l-Appell tal-Maestà Tagħha r-Reġina fid-19 ta' Ġunju, 1953, li saret in kontestazzjoni magħhom — proċess li għalih l-atturi għamlu riferenza — l-apertura illi teżisti fil-ħajt diviżorju bejn il-fond proprjetà tal-konvenuti, numru 13 Narrow Street, bil-bieb ukoll nru. 31 ta' Main Street, Żabbar, u dak tagħhom kif intqal fuq, numru 12 ġa numru 11 Narrow Street, Żabbar, u li kien oriġinarjament bitħa, tikkostitwixxi servitù "ad lumen tantum" a favur tal-konvenuti fuq din il-bitħa, u din l-apertura hija, għalhekk, skond il-ġurisprudenza kostanti, sofferenza prekarja, u tiddependi unikament mit-tolleranza tagħhom, sakemm l-ispazju apert, jew bitħa, kien għadu mhux mibni; u illi l-fond ġie mtella mill-ġdid, u l-bitħa ġiet mibnija, u l-fond ġie appoġ-

ġjat kontra dak tal-konvenut, u din it-tieqa ġiet ġewwa. bejn żewġ kmamar, waħda tagħhom u l-oħra tal-konvenuti — kollox kif ġie inekwivokament dikjarat u stabbilit fl-imsemmija sentenza tad-19 ta' Ġunju, 1953, li ddikjarat ukoll illi fil-każ si tratta ta' pussess ta' apertura li ma hux "pussess tutelabbli; u li għalhekk il-konvenuti ma għandhomx dritt illi jżommuha in eżistenza — sentenza li għaliha ġiet magħmula riferenza; u illi huma ma jridux jittolleraw iżjed il-preżenza u l-eżistenza ta' din l-apertura bejn iż-żewġ fondi, jew aħjar bejn kmamar taż-żewġ fondi, kif għandhom il-lum id-dritt illi jeżiġu in forza tas-sentenza mogħtija u favur tagħhom; u illi l-konvenuti, interpellati b'ittra uffiċjali tat-8 ta' Frar 1954, biex jimmuraw a spejjeż tagħhom din l-apertura, ma tawx każ illi jgħalquha; talbu illi, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti li għalihom ikun hemm lok, l-istess konvenuti jiġu kundannati minn dina l-Qorti illi jipprokuraw, a spejjeż tagħhom, l-għeluq bil-ġebel, b'manjiera permanenti u mingħajr ma jibqa' ebda traċċja fil-ħajt, ta' din l-apertura ġa eżistenzi; u dan fi żmien qasir u perentorju li jiġi stabbilit fis-sentenza; għall-bżonn taħt id-direzzjoni ta' periti; u fil-każ illi l-konvenuti jonqsu milli jottemperaw ruħhom għal din is-sentenza fiż-żmien lilhom hekk prefiss, huma jiġu awtorizzati illi jipprokuraw huma stess dawn ix-xogħlijiet a spejjeż tal-konvenuti, u għall-bżonn taħt id-direzzjoni tal-istess periti. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-8 ta' Frar 1954, kontra l-konvenuti;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti Annetto u Beatrice, xebba, aħwa Xuereb Montebello, li biha ssottomettew illi t-tieqa ndikata fl-att taċ-ċitazzjoni tikkostitwixxi servitù skond il-liġi, u ma tistax tingħalaq skond il-liġi a diskrezzjoni tal-atturi, kif jirriżulta fit-trattazzjoni talkawża u kif inhu ndikat fid-dikjarazzjoni; u illi s-sentenza tad-19 ta' Ġunju, 1953, kienet mogħtija fuq domanda ta' spoll, u hi irrilevanti għall-finijiet ta' din il-kawża, li hi ta' natura petitorja; u li għalhekk id-domanda tal-atturi għandha tiġi respinta: bl-ispejjeż. Salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti Giuseppina Albani u ta' Luigi Albani ...... li biha ssottomettew ......;

*Omissis;*

Rat is-sentenza tal-Ewwel Qorti tat-28 ta' Ġunju 1955, li biha ġew respinti t-talbiet tal-atturi, bl-ispejjeż kontra tagħhom; billi dik il-Qorti kkunsidrat;

Illi l-attriċi u l-attur huma rispettivament id-direttarja u l-utilista temporanju tal-fond numru 12 Narrow Street. Żabbar, u l-konvenuti huma l-proprjetarji tal-fond numru 12 Narrow Street, Żabbar;

Illi mill-provi fil-proċess tal-kawża l-oħra, alligat malproċess ta' din il-kawża, li għalihom il-partijiet għamlu riferenza, jirriżulta illi dawn iż-żewġ fondi, li huma konfinanti ma' xulxin, kienu waqgħu fi żmien l-aħħar gwerra; u meta ġew rikostruwiti, l-attriċi ma bnietx il-fond tagħha, dak numru 12, eżattament kif kien qabel ma waqa', imma saqqfet il-bitħa li qabel kien hemm fiħ, u li wieħed milħitan tagħha jiddividi dak il-fond minn kamra fil-fond numru 13 tal-konvenuti. Minn qabel ma l-fondi waqgħu filgwerra, fl-imsemmi ħajt diviżorju kienet teżisti tieqa żgħira, li mill-kamra tal-fond tal-konvenuti kienet tħares lejn il-fond, "guardante per la casa", jiġifieri fil-bitħa tal-atturi;

Fuq il-pretensjoni li l-atturi, meta saqqfu dik il-bitħa, jew aħjar l-attriċi, għaliex sa dak iż-żmien l-attur kien għadu mhux utilista ta' dak il-fond, naqqsulhom id-dawl, u kwindi l-pussess tas-servitù ta' dik it-tieqa, il-konvenuti ntentaw kontra tagħhom azzjoni ta' spoll privileġġjat, biex jirreintegrawhom fil-godiment u pussess kollu tal-imsemmija servitù. B'sentenza tal-10 ta' Novembru 1952, fil-kawża fuq imsemmija, din il-Qorti laqgħet it-talba tal-konvenuti, atturi f'dik il-kawża; imma l-Qorti tal-Appell, b'sentenza tad-19 ta' Ġunju 1953, irrevokat dik is-sentenza u rrespinġiet it-talba tal-imsemmijin konvenuti;

Illi b'din il-kawża l-atturi jippretendu illi l-apertura li teżisti fil-ħajt diviżorju bejn l-imsemmijin żewġ fondi tikkostitwixxi servitù "ad lumen tantum", u għalhekk, skond il-ġurisprudenza, hi sofferenza prekarja, u bħala tali kienet u baqgħet tiddependi unikament mit-tolleranza tagħhom.

sakemm l-ispazju apert — il-bitħa — kien għadu mhux mibni; imma issa, li l-bitħa ġiet mibnija u l-fond tagħhom ġie appoġġjat kontra dak tal-konvenuti, u t-tieqa ġiet bejn iż-żewġ kmamar, waħda tagħhom u l-oħra tal-konvenuti, u ladarba huma ma jridux iżjed jittolleraw l-eżistenza ta' dik l-apertura, il-konvenuti m'għandhomx aktar dritt li jżommuha. Konsegwentement huma qegħdin jitolbu illi l-konvenuti jiġu kundannati jgħalqu dik l-apertura;

Illi dik li l-atturi jsejħu apertura hi fil-fatt tieqa, għalkemm żgħira, "ad lumen", kif jirriżulta mill-kuntratt fl-atti tan-Nutar Salvatore Cauchi tas-27 ta' Jannar 1900, u mill-ieħor fl-atti tan-Nutar Francesco Giorgio Schembri tat-13 ta' Ottubru 1904, li kopji tagħhom jinsabu rispettivament fil-fol. 99 tal-proċess tal-kawża l-oħra u fil-fol. 39 tal-proċess ta' din il-kawża;

Illi bażi tal-pretensjoni tal-atturi hi dik illi l-imsemmija tieqa tikkostitwixxi favur il-konvenuti servitù "ad lumen tantum", u bħala tali sofferenza prekarja kontra tagħhom, jiġifieri sakemm il-bitħa ma ġietx mibnija. L-atturi jippretendu illi jsostnu l-pretensjoni tagħhom fuq ir-regola li ġiet enunċjata l-ewwel darba, kif jidher, mill-Qorti tal-Appell fis-sena 1860, u segwita ħafna drabi minn dawn il-Qrati, li hi f'dawn it-termini: "Non costituisce servitù, nell'assenza di una convenzione, una finestra aperta nel proprio fondo sul terreno del vicino non fabbricato, ma una sofferenza precaria, fino a che il terreno fosse rimasto non fabbricato" (Vol. I, 425). Din ir-regola tippresupponi żewġ kondizzjonijiet: li t-tieqa ma tkunx ġiet kostitwita b'servitù permezz ta' konvenzjoni, u li t-terren tal-viċin, art jew spazju, meta ssir it-tieqa, ma jkunx għadu fabbrikat. Dawn il-kondizzjonijiet ma jirrikorrux fil-każ taħt konsiderazzjoni; u għalhekk ir-regola ġa msemmija mhijiex applikabbli fl-istess każ;

Illi l-istess atturi jirrikonoxxu illi t-tieqa tikkostitwixxi servitù, billi fl-att taċ-ċitazzjoni huma ppremettew, fost ħwejjeġ oħra, illi dik it-tieqa tikkostitwixxi servitù "ad lumen tantum" a favur tal-konvenuti fuq il-bitħa. Del resto, din iċ-ċirkustanza, jiġifieri li hemm dik is-servitù, tir

riżulta mill-kuntratt ġa msemmi tas-sena 1904. Għalhekk jittratta, f'dan il-każ, minn servitù "di luce o di finestra", jew minn dik l-ispeċi ta' servitù urbana li fid-Dritt Ruman kienet tissejjaħ "luminum", a differenza tas-servitù "ne luminibus officiatur", li t-tnejn ġew stabbiliti bil-Liġi 4 Dig. de servit, praed. urb. Jirriżulta illi l-imsemmija żewġ fondi kienu oriġinarjament jippartjenu lill-istess sid, axxendent komuni tal-attriċi u tal-konvenuti, li kien ikkostruwihom flimkien u għamel fihom, jew fil-ħajt diviżorju bejniethom, bejn il-kamra tal-fond, dak il-lum tal-konvenuti, u l-bitħa tal-fond l-ieħor, il-lum tal-atturi, dik it-tieqa, biex, flimkien ma' tieqa oħra, il-fond li l-lum hu tal-konvenuti jirċievi d-dawl minn dik il-bitħa. Għalhekk din is-servitù ma tinsabx kostitwita b'konvenzjoni bejn żewġ sidien ta' fondi diversi, imma ġiet kostitwita b'destinazzjoni tal-"pater familias", u bħala tali tifforma titolu favur il-konvenuti; u l-atturi għandhom, mhux biss jirrispettawha, imma wkoll jissubuha. Għaldaqstant l-ewwel kondizzjoni tar-regola fuq imsemmija ma tirrikorrix f'dan il-każ;

Illi lanqas ma tirrikorri, f'dan il-każ, it-tieni kondizzjoni tal-imsemmija regola. L-atturi jirriferixxu għall-bitħa bħala "spazju mhux mibni"; u dan evidentement għall-finijiet tar-regola ġa msemmija. Imma l-bitħa ma tistax tiġi kunsidrata bħala spazju mhux mibni ta' fond. Il-bitħa hi wieħed mill-ambjenti formanti parti mill-fond tal-attriċi — ambjent li, flok li hu kamra, hu bitħa. Fi żmien il-kuntratti li ssemmew aktar il-fuq, it-tieqa kienet tħares lejn il-bitħa, u ntant, fil-kuntratt tas-sena 1900 dik it-tieqa, li al-lura kienet teżisti, ma ġietx deskritta li tħares fuq spazju vojt jew mhux mibni, imma bħala "guardante per la casa descritta al numero 4", jiġifieri l-fond tal-atturi; u fil-kuntratt tas-sena 1904 l-istess tieqa ġiet deskritta bħala "esistente in uno stabile limitrofo di proprietà degli eredi Xuereb Montebello". Ma jirriżultax illi din it-tieqa qatt kienet miftuħa fuq spazju mhux mibni għal kollox; anzi jirriżulta illi saret kontemporaneament mal-kostruzzjoni taż-żewġ fondi. L-attriċi tippretendi wkoll illi l-bitħa ġiet mibnija minnha. Issa, ma jirriżultax illi sas-sena 1952,

meta l-attriċi irrikostruwiet il-fond tagħha, dan irrikostruwietu fuq spazju li qatt qabel ma kien ġie mibni, u fuq dan l-ispazju hekk mhux mibni kienet teżisti l-imsemmija tieqa. Għall-kuntrarju, jirriżulta illi sa mis-sena 1900, almenu, sa meta waqa' fi żmien il-gwerra, dan il-fond tal-attriċi kien *mibni dejjem l-istess mod, u fis-sena 1952 l-*attriċi ma għamletx ħaġa oħra ħlief irrikostruwiet dak il-fond b'xi alterazzjonijiet milli kien impjantat qabel. B'dawn l-alterazzjonijiet, kif jirriżulta, l-attriċi ma bnietx xi spazju li qabel kien vojt, u lanqas ma bniet xi bitħa, imma sempliċement reġgħet irrikostruwiet il-bitħa li kien hemm qabel, *u minflok ma ħallietha mikxufa, saqqfitha, jiġifieri* kkonvertiet l-ambjent tal-bitħa f'ambjent ta' kamra;

Illi għalhekk jirriżulta illi, meta l-attriċi ġiet fil-pussess tal-fond tagħha fis-sena 1904, fl-atti tan-Nutar Francesco Giorgio Schembri, tal-11 ta' Mejju ta' dik is-sena, meta l-fond kien ġa jinsab kostruwit, l-istess fond kien gravat bis-servitù fuq *imsemmjia*, kostitwita bid-destinazzjoni tal-"pater familias" favur il-fond tal-konvenuti;

Konsegwentement, l-atturi ma jistgħux iġiegħlu lill-konvenuti jgħalqu t-tieqa in kwistjoni. Għall-kuntrarju, il-konvenuti għandhom id-dritt jimpedixxu lill-atturi illi jostakolawlhom b'xi bini d-dawl ġa derivanti fil-fond tagħhom minn dik it-tieqa. "Quando pure ad uno potesse competere la servitù di luce soltanto, e non già la servitù 'ne luminibus officiatur', il padrone del fondo dominante, e per non essere il suo diritto illusorio, ha il diritto di impedire gli ostacoli al detto lume" (App. 5-6.1872 "Milanesi vs Debono", Vol. VI, 230);

Da ma jfisserx illi l-atturi, bħala *proprjetarji* tal-fond serventi, ma jistgħu qatt jagħmlu alterazzjoni strutturali fil-fond tagħhom, jiġifieri jbiddlu l-għamla tal-fond minn dik li kienet qabel, sempliċement għaliex dak il-fond ġie mibni kontemporaneament mal-fond tal-konvenuti gravat b'dik is-soġġezzjoni kostitwita b'mod legali. Tabilħaqq, l-atturi għandhom *il-fakoltà li jiffabbrikaw; imma b'mod* illi ma jneħħux "quella quantità o volume di luce indispensabilmente richiesta per uso del fondo dominante" (P.A. 6.

3.1896 "Pace Balzan vs. Axisa", Vol. XV, 421). Aktar minn hekk l-atturi ma jistgħux jagħmlu; u speċjalment illi jneħħu għal kollox l-imsemmija tieqa;

Rat in-nota tal-appell tal-imsemmijin Vincenzina Cassar u Giuseppe Mifsud, atturi, l-istess Vincenzina Cassar assistita mill-imsemmi żewġha Avukat Dr. Lorenzo Cassar, u l-petizzjoni tagħhom, li biha talbu li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, u li jiġu milqugħa d-domandi tal-atturi; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi s-sentenza tal-Ewwel Qorti fil-kawża fuq riferita, fl-ismijiet "Annetto Xuereb Montebello u oħrajn kontra Paolina Magri u oħrajn", ma ġietx appellata fil-konfront ta' Carmelo Albani, kif jammettu l-istess partijiet f'din il-kawża, billi l-istess Albani ma ġiex notifikat bil-petizzjoni tal-appell, u lanqas deher f'dak l-istadju, la personalment u lanqas rappreżentat minn difensuri. Huwa, għalhekk, għandu favur tiegħu l-ġudikat tal-ewwel istanza f'dik l-istess kawża, bl-effetti kollha tiegħu; u ma hemmx kwistjoni li dak l-istess ġudikat, fil-konfront tal-istess Albani, ma ġiex eżegwit;

Illi din il-Qorti ssollevat il-kwistjoni jekk din il-kawża setgħetx tiġi proposta qabel ma tiġi eżegwita, fil-konfront tal-imsemmi Albani, is-sentenza tal-Ewwel Qorti fil-kawża l-oħra fuq indikata;

Illi fuq domanda tal-appellanti ġie mismugħ l-imsemmi Albani, u dana, wara li xehed,iddikjara, permezz tad-difensur tiegħu, li hu ma jinsistix għar-reintegrazzjoni, bla preġudizzju tad-drittijiet riferibbilment għall-ġudizzju petitorju; u spjega li, f'każ ta' konferma tas-sentenza tal-Prima Istanza, hu għandu wkoll id-dritt li jeżegwixxi s-sentenza mogħtija fil-kawża tal-ispoll mill-Prim'Awla fl-10 ta' Novembru 1952, fl-ismijiet "Annetto Xuereb Montebello vs. Paolina Magri et.", fol. 85);

Illi l-istess kwistjoni reġgħet ġiet sollevata mill-avukat tal-appellati fuq il-kwistjoni tal-ġudikat naxxenti mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawża l-oħra fuq indikata; fuq liema ġudikat l-appellanti jgħidu li jibbażaw ukoll l-azzjoni tagħhom odjerna;

Illi għalhekk hu dmir ta' din il-Qorti li tidħol f'dina l-kwistjoni, jiġifieri jekk tistax tidħol fil-meritu ta' din il-kawża, li hija ta' natura petitorja, qabel ma jiġi reintegrat l-ispoll;

Ikkunsidrat;

Illi, skond l-art. 572(1) u (2) tal-Kodiċi Ċivili, "jekk persuna tiġi, bil-vjolenza jew bil-moħbi, imneżżgħa mill-pussess, ta' liema xorta jkun, jew mid-detenzjoni tal-ħaġa mobili jew immobili, hija tista', fi żmien xahrejn mill-ispoll, titlob, b'azzjoni kontra l-awtur ta' l-ispoll, li terġa' tiġi mqegħda f'dak il-pussess jew f'dik id-detenzjoni, kif jingħad fl-art. 794 tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 15)". Dan it-tqegħid mill-ġdid fil-pussess jiġi ordnat mill-Qorti ukoll jekk il-konvenut ikun sid il-ħaġa li tagħha l-attur ikun bata l-ispoll. L-art. 794 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jiddisponi hekk: "Il-konvenut f'kawża ta' spoll, magħmula fi żmien xahrejn minn dak inhar li jkun sar l-ispoll, ma jista' jagħti ebda eċċezzjoni, li mhix dilatorja, qabel ma jkun reġa' qiegħed il-ħaġa fl-istat l-ewlieni, u reġa' qiegħed għal kollox fl-istat ta' qabel il-parti li tkun batiet l-ispoll, f'dak iż-żmien illi, skond iċ-ċirkustanzi, jiġi mogħti lilu fis-sentenza, bla ħsara ta' jeddijiet oħra tiegħu. Il-Qorti għandha teżamina biss il-fatt tal-pussess jew tad-detenzjoni, u l-fatt tal-ispoll";

Illi l-ġurisprudenza tat-tribunali tagħna dejjem kienet kostanti fl-interpretazzjoni ta' dawn il-liġijiet fis-sens li l-azzjoni ta' spoll hija "di ordine pubblico", unikament u esklużivament intiża biex timpedixxi li wieħed jagħmel ġustizzja b'idejh mingħajr l-intervent tat-tribunal ċivili u tipprevjeni l-konsegwenzi deplorevoli ta' aġir simili. Għalhekk il-liġi tivvjeta l-allegazzjoni ta' kwalsijasi eċċezzjoni, li ma tkunx dilatorja, kontra r-reintegrazzjoni, u tiċċirko-

skrivi l-eżami tal-Qorti għall-fatt biss tal-pussess u tal-ispoll denunzjat. Ir-reintegrazzjoni għandha tiġi dejjem ordnata mill-Qorti, kwantunkwe l-pussess jista' jkun vizzjat, u min jikkommetti l-ispoll ikun il-veru proprjetarju tal-ħaġa li minnha l-possessur tagħha jkun ġie spoljat. Il-kumulu taż-żewġ azzjonijiet, il-possessorja u l-petitorja, hu projbit; u dan id-divjet jestendi ruħu għall-effettiva u plenarja reintegrazzjoni ta' dik il-persuna li l-pussess tagħha, anki jekk illeġittimu, ikun ġie turbat. Liema reintegrazzjoni ma ssirx "actu" bil-prolazzjoni tas-sentenza, imma tabilħaqq bl-eżekuzzjoni għal kollox tas-sentenza possessorja; u l-ineffikaċja tad-domanda proposta fil-petitorju qabel l-eżekuzzjoni tas-sentenza possessorja ma tistax tiġi sanata bl-akkwijexxenza jew bil-kunsens, espress jew taċitu, tal-kontroparti, billi dak id-divjet hu ta' ordni publiku u magħmul mill-liġi espressament b'mod assolut, u kwindi l-ġudikant ma jistax ma jagħtix każ tiegħu mingħajr ma jivvijola l-awtorità tal-liġi;

Illi, inveru, jingħad fis-sentenza tal-Qorti Ċivili (Prim' Awla) tal-Maestà Tagħha r-Reġina, in "Orland c. Curmi":— "L'azione sperimentata (i.e. di spoglio) è di ordine pubblico, e la stessa è unicamente ed esclusivamente intesa ad impedire che giustizia sia fatta di propria autorità, senza l'intervento del tribunale civile, e prevenire le deplorevoli conseguenze di qualsiasi ragion fattasi". A base di cotesti principi la legge contro la reintegranda vieta l'allegazione di qualsiasi eccezione che non fosse dilatoria, e circoscrive l'esame della Corte al solo fatto del possesso e del denunziato spoglio" (articolo 801 Proċedura Ċivile — il-lum art. 794) — Kollez. XXIII-II-154;

L-istess Qorti, fis-sentenza in "Falzon c. Bonello", irriteniet "che la reintegrazione dovrà essere dalla Corte ordinata, comunque viziato possa essere il possesso dell' attore, comunque il citato possa essere il vero proprietario della cosa di cui l'attore avesse sofferto lo spoglio (art. 230 Ord. del 1868 — il-lum art. 572 (1) u (2) Kodiċi Ċivili); sicchè l'indagine intorno alla legittimità del possesso, da farsi in altra sede, tornerebbe oziosa in questo giudizio (i.e. di

spoglio), bastandovi, per ovvie ragioni di ordine pubblico, il perduto possesso dello spogliato ed il fatto del constatato spoglio, sia per atto legittimo sia per usurpazione altrui" (Kollez. XXXIII-11-83);

Fl-aħħarnett, l-istess Qorti Ċivili, fis-sentenza li tat fil-kawża "Massa c. Padre Angelico Pace", konfermata mill-Qorti tal-Appell għall-istess motivi premessi għal dik is-sentenza, esprimiet ruħha hekk: "La giurisprudenza dei nostri tribunali è stata sempre costante nella interpretazione delle vigenti leggi, proibitiva del cumulo delle due azioni, la possessoria e la petitoria, e sembra incontrovertible che il divieto debba estendersi alla effettiva e plenaria reintegrazione di colui il possesso del quale, comunque illegittimo, venisse turbato; reintegrazione che non si effettua "actu" colla sola prolazione della sentenza, ma bensì con la piena esecuzione della sentenza possessoria ........; ed essendo il divieto del cumulo dei due giudizi di ordine pubblico ed espressamente, in modo assoluto, vietato dalla legge, tale inefficacia (i.e. domanda proposta fil-petitorju qabel l-eżekuzzjoni tas-sentenza 'in possessorio') non potrebbe venire sanata con l'acquiescenza ovvero col consenso, sia espresso sia tacito, della controparte; nè il giudice, a cui è affidata l'osservanza e l'applicazione della legge, potrebbe passarvi sopra senza violare l'autorità della stessa" (Kollez. XXI-I-488);

Tikkunsidra;

Illi d-dikjarazzjoni fuq indikata, tal-imsemmi Carmelo Albani, lanqas ma timporta rinunzja, għaliex mhix inkondizzjonata; u difatti huwa reġa' ssolleva l-kwistjoni in konnessjoni mal-kwistjoni dwar il-ġudikat. Imma anki kieku jista' jingħad li dik id-dikjarazzjoni timporta rinunzja, l-istess mhix vinkolanti; għaliex, kif jingħad fis-sentenza fl-aħħar lok rikordata, l-ineffikaċja tad-domanda proposta fil-petitorju qabel l-eżekuzzjoni tas-sentenza fil-possessorju, 'non potrebbe venire sanata coll'acquiescenza, ovvero col consenso, sia espresso sia tacito, della controparte; nè il giudice, a cui è affidata l'osservanza e l'applicazione della legge, potrebbe passarvi sopra senza violare l'autorità della stessa";

Tikkunsidra, fl-aħħarnett;

Illi fin-nuqqas ta' reintegrazzjoni ta' l-ispoll fil-konfront tal-imsemmi Albani, l-atturi, li għandhom favur tagħhom is-sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-ġudizzju l-ieħor possessorju kontra l-konvenuti l-oħra, lanqas ma jistgħu jipproponu l-azzjoni petitorja kontra dawk il-konvenuti l-oħra; il-għaliex hawn trattasi ta' ħaġa indiviżibbli, u ma jistax jingħad — kif qalu l-appellanti — illi l-ġudikat fuq imsemmi tal-Qorti tal-Appell fil-kawża l-oħra fuq riferita jolqot anki lill-imsemmi Carmelo Albani; u dana għaliex l-art. 236, para. (ii)(b), tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, jikkontempla l-estensjoni tal-effetti ta' sentenza tal-Appell, f'kawża fuq ħaġa indiviżibbli, għal dawk biss li tkun favur tagħhom;

Għall-motivi premessi;

Tirrevoka s-sentenza li minnha hemm appell, u tillibera lill-konvenuti appellati mill-osservanza tal-ġudizzju; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-atturi appellanti.